TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/64/13/S

Maria Lourdes Camilleri
Vs
Nadine Deidun

Illum 12 ta'Settembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maria Lourdes Camilleri pprezentata fl-14 ta'Marzu,2013 u r-risposta ta' Nadine Deidun ipprezentata fit-2 ta'April,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda taghhom kif ukoll it-trattazzjoni li saret fl-4 ta'Lulju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'semi-permanent eyebrows' maghmula mill-intimata lir-rikorrenti;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-28 t'April,2004 fl-ismijiet "Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et" :

*"...li huwa principju assodat fil-gurispridenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat...";*

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi ma ngabux provi bizzejjed biex l-allegazzjoni tar-rikorrenti tigi accettata minn dan it-Tribunal;

Illi l-istess rikorrenti spjegat li l-intimata ghamlet 'patch test' wara widnejha;

Illi d-decizjoni tar-rikorrenti ghal 'semi-permanent eyebrows' li hu tip ta' "tattoo" haditha hi stess u setghet facilment tipprevedi li tali applikazzjoni ghandha l-perikli taghha;

Illi l-ilment jikkoncerna l-kulur u li l-istess zebgha tista' tidher b'mod differenti fuq persuni diversi;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Maria Lourdes Camilleri u Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Nadine Deidun, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru